# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 8 t'April 2024**

**Rikors numru 196/2024**

**Dr. Andre Borg nomine, (KI 141883M)**
**vs.**
**Anthony Desira, KI 339062L u Elena Alexandrovna Desira KI 0607919L**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **Dr. Andre Borg nomine**;

Rat ir-risposta ta' **Anthony Desira u Elena Alexandrovna Desira**.

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-Abbli Avukati tal-partijiet waqt is-seduta miżmuma appożitament;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat b' mod għalhekk li jiġu mħarsa b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-determinazzjoni ġudizzjarja tagħhom. Il-ġurisprudenza teħtieġ li r-

rikorrent juri kemm li jkollu l-fumus boni iuris, kif ukoll il-periculum in mora.

2. Il-ħruġ ta' dan il-mandat isir biss fejn ir-rikorrent juri:

   (a) li jkun hemm **<u>il-ħtieġa</u>** tiegħu, in kwantu n-nuqqas ta' tqegħid fis-seħħ ta' dik il-miżura inibittiva mitluba minnu jew id-dewmien fil-ħruġ tagħha, jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet reklamati mir-rikorrent. Il-**<u>ħtieġa</u>** tal-ħruġ tal-mandat timplika li l-preġudizzju soffert mir-rikorrent f'każ li l-mandat ma jinħariġx ikun reali. B'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat. Il-ħtieġa li jinħareġ dan il-mandat biex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent hija bażata fuq il-periculum in mora;

   (b) li dak il-jedd pretiż mir-rikorrent ikun - oġġettivament u fil-każ konkret - mal-ewwel daqqa t'għajn, verament jeżisti favur tiegħu. F'termini ġuridiċi, ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u dritt reklamati minnu sal-grad prima faciae. Allura f'dan is-sens ir-rikorrent għandu juri l-fumus boni iuris.

3. Il-Qorti li tanlizza din it-talba ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni billi tistħarreġ l-provi fil-meritu dwar l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi tali talba biss b'mod sommarju wara li tkun tagħti ħarsa lejn dak li jgħidu l-partijiet fiż-żmien qasir stabbilit mill-Liġi. L-ilqugħ ta' dan il-mandat, daqskemm iċ-ċaħda tiegħu ma għandhom ebda piż fuq id-deċiżjoni aħħarija li tkun trid tittieħed fil-meritu.

4. Dan il-mandat jinħareġ biss jekk tiġi stabbilita l-eżistenza tar-rekwiżiti tiegħu kollha. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.

5. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja, t'interpretazzjoni stretta, kif ukoll jikkostitwixxi l-eċċezzjoni aktar milli r-regola.

6. Inoltre, il-mandat t'inibizzjoni jista' jiġi maħruġ fil-forma ġenerika : dik prevista mill-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; jew f'forom speċifiċi: bħal dawk previsti mill-artikoli 874, 876 u 877 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippreskrivu mandati ta' inibizzjoni speċifiċi imfasslin għal xenarji legali partikolari preskritti mill-Liġi, u kif riflessi fil-formuli abbinati appożitament fl-Iskeda B mal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. F'dan il-każ ir-rikorrent ipproċeda bit-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni biex iqiegħed fiż-żgur il-pretensjoni **<u>pekunjarja</u>** tiegħu ta' bejn għoxrin u tlein elf euro taħt l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm ir-rikorrent ma jispeċifikax dan l-artikolu espressament fir-rikors tiegħu, mill-banda l-oħra il-Qorti tifhem li huwa għamel it-talba taħtu kemm mill-kliem li uża fir-rikors tiegħu (li ma jużax il-lokuzzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll bil-fatt li huwa għamel użu mill-formula bin-numru 21 tal-Iskeda B mal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Biss f'dan il-każ, il-pretensjoni tar-rikorrent hija kjarament waħda li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu jivvanta li huwa kreditur tal-intimat f'ammont ta' danni pretiżi ta' bejn għoxrin u tletin elf euro. Allura l-pretensjoni tiegħu hija dik ta' kreditur li jrid jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). Din it-tipoloġija ta' pretensjoni tinkwadra ruħha fil-qafas speċifiku tal-mandat t'inibizzjoni msemmi taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa intiż speċifikament biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali.[1] L-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux maħsub biss biex kreditur iżomm debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos minn proprjetà immobbli tad-debitur, iżda jista' jinħareġ ukoll fuq kwalunkwe proprjetà mobbli tad-debitur.

9. Fil-fehma tal-Qorti ir-rikorrent kellu jagħmel użu mill-mandat speċifiku msemmi fl-artikolu 874 tal-Kap 12 u mill-formula numru 25 dato s-sintonija li din għandha mal-mandat t'inibizzjoni previst mill-artikolu

[1] iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.

874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad għaliex l-artikolu 1007 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

> Fil-qrati superjuri, l-atti kollha **għandhom** jiġu magħmula skont il-formuli miġjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodiċi.[2]

10. Il-kliem użat huwa fl-imperattiv, b'mod li f'dawn il-Qrati l-atti kollha **għandhom** jiġu magħmula skont il-formuli miġjuba fl-Iskeda B. F'dal-każ ir-rikorrent ma jistax jingħad li ma għamilx it-talba skont formula msemmija fl-Iskeda B għax hu hekk għamel; iżda uża formula li tirrifletti l-forma tal-mandat tal-inibizzjoni ġeneriku u mhux dak speċifiku msemmi fl-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif rifless fil-formula numru 25 – li kienu dawk indikati għat-tipoloġija ta' pretensjoni tiegħu.

11. Għalkemm l-użu tal-formula numru 21 minflok dik numru 25 ma jġibx miegħu in-nullita tar-rikors promotur, mill-banda l-oħra ma jistax jingħad li l-użu ta' din il-formula 21 minflok dik numru 25 fil-każ fejn il-pretensjoni tkun dik ta' kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86) tiġi mingħajr konsegwenzi.

12. Li kieku kreditur ta' dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86) jista' jagħmel użu liberament, trankwillament u mingħajr konsegwenza tal-mandat tal-inibizzjoni ġeneriku bl-użu tal-formula numru 21, allura ma kienx ikun hemm ħtieġa li l-Leġislatur joqgħod jispeċifika mandat fil-forma speċifika tiegħu taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 u jabbona miegħu il-formula numru 25. Għax allura wieħed kien ikun jista' juża biss l-artikolu 873 u l-formola 21 tal-Kap 12 u l-Iskeda B tiegħu għal kull xenarju li jkun jidhirlu u ma kienx ikun hemm ħtieġa li jiġu maħluqa l-mandati t'inibizzjoni speċifiċi li jinsabu fl-artikoli 874, 876 u 877 tal-istess Kap.

13. Iżda l-Leġislatur għażel li fil-każ ta' pretensjonijiet ta' kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86) dak il-kreditur jista' jipproċedi taħt l-

[2] Enfażi miżjuda mill-Qorti.

artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għandu[3] jagħmel użu mill-formula numru 25 kif imsemmi iżjed il-fuq; għax altrimenti jkun bla sens li l-Liġi tkompli ssostni din id-distinzjoni bejn il-mandat t'inibizzjoni ġeneriku u dawk speċifiċi, bl-impostazzjoni ta' formuli differenti għal dawn ix-xenarji differenti.

14. Biss *Ubi lex voluit, dixit*. U f'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li d-distinzjoni li l-Liġi tagħmel bejn l-artikolu 873 fuq naħa u l-artikoli 874, 876 u 877 fuq in-naħa l-oħra ma humiex każwali; anzi għandhom distinzjoni funzjonali li għandha tiġi rispettata u osservata.

15. F'dan il-każ din id-distinzjoni ma saretx, minkejja x-xenarju speċifiku li din it-talba kienet taqa' fih. F'dan is-sens allura din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif impostata.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni kif magħmul f'dan il-każ.

L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrent.

Tordna notifika ta' dan id-digriet lil partijiet.

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

[3] Bis-saħħa tal-artikolu 1007 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,